**25 ta' Lulju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onr. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anġlu Briffa

**Każża - Dritt ta' Appell ta' l-Avukat Ġenerali - Fatti li tagħhom Persuna tkun Instabet Ħatja**

*Il-paragrafu (5) tar-Regolament 25 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħarsien ta' Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ jagħti dritt ta' appell dejjem u f'kull każ lill-Avukat Ġenerali minn deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati inferjuri dwar proċedimenti rigwardanti reati bi ksur ta' dawk ir-regolamenti.*

*In-nuqqas ta' indikazzjoni, fis-sentenza appellata, ta' liema huma l-fatti li tagħhom l-appellant jew appellat (skond il-każ) instab ħati, tammonta għal nuqqas ta' formalita' sostanzjali b'mod li l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, a bażi ta' l-artikolu 428 (3) tal-Kodiċi Kriminali, m'għandhiex alternattiva ħlief li tħassar is-sentenza u tgħaddi biex tiddeċidi l-kawża mill-ġdid fuq il-meritu.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra Anġlu Briffa, ta' 67 sena, talli nhar il-Ħamis, 24 ta' Marzu, 1994 għall-ħabta tal-11 ta' filgħodu fl-inħawi ta' Ħagar Qim, limiti taż-Żurrieq, matul l-istaġun magħluq għat-tehid ta' għasafar mhux minn fuq il-baħar, ħa jew ipprova jieħu xi għasafar bi ksur tar-Reg. 9(1) (c) ta' l-A.L. 146/1993; dik il-Qorti kienet mitluba li minbarra li tagħti l-piena tordna l-konfiska ta' l-oġġetti eżibiti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-25 ta' Mejju, 1994 li fil-parti dispożittiva tgħid hekk: "Semgħet il-provi; Rat l-L.N. 146 ta' l-artikolu 9(1) sub artikolu (c); ikkunsidrat illi wara li ħadet in konsiderazzjoni iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ kif ukoll l-eta' ta' l-imputat; tikkundannah l-artikolu 9 tal-Kap. 21 għall-perijodu ta' xahar";

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali minnu

ppreżentat fid-9 ta' Ġunju, 1994 li bih talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza billi fil-waqt li tikkonfermha fil-parti fejn sabet lil Anġlu Briffa ħati ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu tibdilha kwantu għall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet is-sottomissjonijiet ta' l-avukat difensur tal-appellant u ta' l-Avukata tar-Repubblika, Anna Mallia għall-appellant Avukat Ġenerali;

Ikkunsidrat:

Din id-deċiżjoni hi limitata għad-diversi preġudizzjali li ġew issollevati, anke mill-Qorti *ex officio,* fis-seduta tad-19 ta' Lulju, 1994. F'dik is-seduta l-appellat beda biex isolleva l-eċċezzjoni "illi l-appell ta' l-Avukat Ġenerali huwa inammissibbli peress li meta jiġi applikat l-artikolu 21 ma jkunx hemm kundanna imma biss dikjarazzjoni ta' reità ".Din l-eċċezzjoni, ingarbuljata kif inhi, evidentement ma tagħmilx sens. L-artikolu 21 tal-Kap. 9 kulma jgħid hu li f'ċerti każijiet il-Qorti tista' tinżel taħt il-minimu tal-piena stabbilit mil-liġi. Fil-kors tat-trattazzjoni fuq dan il-punt id-difensur ta' l-appellat għamel referenza għal żewġ sentenzi, **Il-Pulizija v. Emmanuele Agius** tat-12 ta' Diċembru, 1936 u **Il-Pulizija v. Nazzareno Spiteri,** tas-7 ta'Ġunju, 1952, it-tnejn appelli kriminali, *in sostenn* ta' l-eċċezzjoni tiegħu. Pero' dawn is-sentenzi li kieku l-imsemmi difensur ħa l-iżbriga li jaqrahom, ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' l-artikolu 21. Dawn jirreferu għal dak li kien l-artikolu 23, l-hekk imsejjaħ *"first offenders section"*, introdott fl-1900, emendat fl-1903, fl-1921 u fl-1947, sostitwit fl-1956 u finalment irrevokat kompletament bl-artikolu 17 ta' l-Att dwar il-

Probation tal-Ħatjin. L-artikolu 21 preżenti kien qabel l-artikolu 23A, introdott bl-Ordinanza XII tal-1944. Huwa veru li dak li kien l-artikolu 23 illum jinsab rifless fid-dispożizzjonijiet tal-Kap. 152; però d-dritt ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali f'dan il-każ mhux ibbażat fuq xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 413 (1) (b) tal-Kodiċi Kriminali iżda fuq il-paragrafu (5) tar-Regolament 25 tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ ( A.L. 146/1993), liema paragrafu jagħti dritt ta' appell dejjem u f'kull każ lill-imsemmi Avukat Ġenerali minn deċiżjonijiet mogħtija mill-Qrati inferjuri dwar proċedimenti rigwardanti reati bi ksur ta' dawk ir-regolamenti. Għalhekk din l-eċċezzjoni ta' l-appellant qed tiġi respinta;

Fil-kors tas-seduta tad-19 ta' Lulju, 1994, id-difensur ta'l-appellat, mistoqsi mill-Qorti, iddikjara li l-appellat quddiem l-ewwel Qorti ma kienx ammetta l-akkuża kontra tiegħu u anqas ma nstemgħu provi; kulma ġara, skond l-imsemmi difensur, kien li d-difiża spjegat ċerti fatti lill-Qorti u l-prosekuzzjoni, allura mmexxija mill-pulizija, qablet magħhom. Fil-fatt is-sentenza appellata hi waħda pjuttost inspjegabbli. Fis-sentenza hemm il-kliem "Semgħet il-provi, però minn imkien mill-atti ma jirriżulta min kienu x-xhieda li nstemgħu. Mill-banda l-oħra anqas ma hemm indikat, fis-sentenza jew f'xi verbal, li l-imputat kien qed jammetti l-akkuża, u dana jidher ikkorroborat mid-dikjarazzjoni imsemmija tad-difensur ta' l-appellat. Din il-Qorti issibha diffiċli tifhem xi proċedura ġiet addottata mill-ewwel Qorti;

Fl-aħħar nett, ukoll fis-seduta tad-19 ta' Lulju, 1994, din il-Qorti ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet għall-fatt li mkien fis-sentenza ma hemm indikat liema huma l-fatti li tagħhom Anġlu Briffa kien qed jiġi misjub ħati, addirittura anqas biss hemm li qed jiġi misjub ħati ta' xi ħaġa. Din tammonta għal nuqqas ta' formalità sostanzjali b'mod li din il-Qorti, a bażi ta' l-artikolu 428

(3) tal-Kodiċi Kriminali, m'għandhiex alternattiva ħlief li tħassar is-sentenza u tgħaddi biex tiddeċidi l-kawża mill-ġdid fuq il-meritu. Il-Qorti żżid ukoll li għalkemm l-Avukat Ġenerali, fir-rikors tiegħu, qed jippresumi li l-appellat ġie lliberat b'kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor għall-perijodu ta' xahar, l-espressjoni użata fis-sentenza, ċjoè "Tikkundannah l-artikolu 9 tal-Kap. 21 (sic!) għal perijodu ta' xahar" ma tfisser xejn minn dan. Evidentement minn irrediġa l-appell a nom ta' l-Avukat Ġenerali għaġġel wisq u ma rax l-affarijiet kollha li kellu jara;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda tħassar is-sentenza appellata u tordna l-kawża terġa' tinstema' mill-ġdid quddiemha billi jinġiebu l-provi li talvolta setgħu jinġiebu quddiem l-ewwel Qorti, u għal dana l-fini tħalli l-kawża għas-seduta tas-7 ta' Ottubru, 1994 fid-9.00 a.m.